MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2014

Numru 411/2011

Il-Pulizija

(Spettur Tony Cachia)

vs

Raymond Borg

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra Raymond Borg ta' karta ta' identita' numru 669759m, akkuzat talli:

1. nhar it-8 ta' Lulju 2009 ghal habta ta' 1300hrs fi Triq San Bartolemew, Qormi, bil-hsieb li jikkommetti ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Francis Falzon wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt meta saq il-vettura tieghu ta' l-ghamla Opel numru ta' registrazzjoni JBA 801 ghal fuq Francis Falzon;
2. fl-istess data, lok,hin u cirkostanzi saq l-imsemmija vettura b'manjiera traskurata, perikoluza u bla kont;

Il-Qorti mitluba sabiex f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta' ta' Francis Falzon u tapplika l-provedimenti ta' l-Artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-prosekuzzjoni tablet li jigi skwalifikat mill-licenzji tas-sewqan.

Rat in-nota tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema' sommarjament, mhux opposta;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

Din il-kawza giet istitwita wara rapport lill-Pulizija li sar mill-kwerelant, certu Francis Falzon, li fih allega li fit-8 ta' Awissu 2009 kien mar jixtri hobza u kif kien qieghed jirritorna lura d-dar u kien qabad biex jaqsam l-istrixxi pedonali ta' fejn il-knisja ta' San Bastjan ra vettura gejja ghad-direzzjoni tieghu li minflokk naqset ziedet fil-velocita'. Stqarr li kien gja beda jaqsam l-istrixxi u gie kostrett jigri san-naha opposta biex jevita li jigi milqut. Stqarr ukoll li l-vettura ghaddiet minn mieghu. Gharaf li l-vettura kienet qed tigi misjuqa mill-imputat li dwaru stqarr li kien ilu jafu 23 sena u ghandhom xi argument bejnithom. Ftakar li l-gurnata kienet is-Sibt , gurnata li fiha jarma l-monti li fil-hin in kwistjoni kien qieghed jzarma; nies ftit li xejn kien hemm. Insista pero' li l-imputat ghadda minn mieghu b'Opel kulur hadra u baqa' sejjer.

Da parti tieghu l-imputat stqarr fix-xhieda tieghu quddiem il-Qorti li sostanzjalment, fil-partijiet materjali taghha, qablet ma dak li kien stqarr fl-istqarrija li kien gja irrilaxxja lill-Pulizija, li kien f'dak in-nofs ta' nhar ta' filghodu ghand bintu u fi triqtu lejn daru ghadda minn Hal-Qormi u waqaf jixtri sigaretti. Kompla hekk: …"startjajt u kif ezatt dort il-karozza mad-dawra, nara certu bniedem qisu ser jissuttani b'xi haga. Harist minn gol mera u gharaft lil dan il-bniedem bhala certu wiehed Frans Falzon …". Meta ra lil dan Falzon (il-kwerelant) dan kien fejn il-knisja ta' San Bastjan u rah li kien mal-gemb tal-karozza tieghu "qisu fuq il-bankina". Rigward l-istrixxi pedonali x-xhud ikkonferma li hemm pero' aktar 'il fuq minn fejn kien fil-mument li ra lill-kwerelant kif spiega.

Intant, l-imputat hu akkuzat b'tentattiv li jaghmel fuq l-kwerelant, l-imsemmi Francis Falzon, ferita ta' natura gravi konness ma' dan l-imsejjah incident u l-allegazzjoni tal-kwerelant li saq ghal fuqu. Fuq daqshekk , il-Qorti ghandha dan xi tghid: li wiehed mill-elementi rikjesti biex treggi offiza ta' attentat huwa att esterjuri maghmul bl-intenzjoni li jittwettaq delitt, liema att esterjuri jrid jimmanifesta intenzjoni specifika u cara tali li ma jhalli ebda dubbju dwar ir-reat kontemplat. Haga din tal-intenzjoni specifika li fil-kaz 'de quo' ma tirrizultax minghajr ebda dubju dettat mir-raguni.

L-imputat hu wkoll akkuzat ta' sewqan traskurat, perikoluz u bla kont. Anka rigward din l-akkuza, bhal dik precedenti, ma tirrizultax pruvata.

Bil-kemm hemm ghalfejn jinghad li 'in kriminalibus' l-oneru tal-prova jinkombi fuq il-prosekuzzjoni.

Konsgwentement, tiddecidi il-kawza billi tillibera lill-imputat.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------